MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' April, 2004

Numru. 2/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**PETER PAUL TABONE**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Peter Paul Tabone bin John Baptist u Rita nee Grima, mwileled fit-22 t'Ottubru 1954 u residenti Nru 12, Triq il-Qala, Nadur, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 62554 G) gie imressaq quddiemha akkuzat talli fil-11 ta' Novembru 2003 ghall-habta tat-8.30 p.m. fir-residenza tieghu, fin-Nadur, Ghawdex, ikkaguna griehi ta' natura hafifa, mhux certifikati, fuq ibnu Mario Giovanni Tabone. (Sec 221 3(a) )

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni u cioe` lil Maria Assunta Tabone, Giovann Tabone u PS 187;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 221 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-kwistjoni hija wahda familjari u cioe` basikament wahda socjali ghaliex l-imputat ghandu problema ta' dipendenza fuq konsum ta' alkohol. Illi dan il-fatt ma giex kontestat mill-imputat li ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Illi jirrizulta ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li dak li ghamel l-imputat u cioe` li laqat lill-ibnu minuri b'mus sehh waqt li l-imputat kien taht l-influenza tax-xorb. Illi omm il-minuri, mart l-imputat, iddikjarat li ma xtaqitx tirrinunzja ghall-azzjoni krimimali fil-konfront tal-imputat zewgha ghaliex xtaqet lill-Qorti principalment tindirizza l-problema akuta li l-imputat ghandu bit-tehid tax-xorb.

Id-difiza allegat illi la l-Prosekuzzjoni naqset li tesebixxi certifikat mediku tal-griehi li sofra l-minuri, l-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati ta' dawn l-akkuzi. Illi bir-rispett kollu lejn id-difiza, l-Qorti thoss li dan ir-ragunament huwa hazin fl-ewwel lok ghaliex l-allegazzjoni tal-vittma qatt ma giet ribaduta mill-imputat u fit-tieni lok mhux rikjest sine qua non li l-feriti jigu certifikati medikament ghalkemm dan huwa desiderabbli.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti wara li tiddikjara li ssib lill-imputat Peter Paul Tabone hati ta' l-akkuza kif moghtija fil-konfront tieghu, tiddeciedi li tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation taht il-perjodu massimu permess mill-ligi ta' tlett snin, ai termini tal-artikolu 7 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u ghal dan il-ghan tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jinnomina l-kandidat idoneju sabiex isegwi tali ordni.

Inoltre, tordna li bhala kundizzjoni ta' din l-ordni tal-Probation, l-imputat ghandu jsegwi programm mall-komunita` ta' OASI sabiex jindirizza l-problema tax-xorb liema programm ghandu jigi maghzul mill-istess ufficcjal

tal-Probation wara konsultazzjoni ma' l-imputat Probationer u l-istess komunita`.

Il-Qorti fissret fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lill-imputat Probationer u x'jigri f'kaz li huwa jonqos li josservaha.

KOMUNIKA
DIRETTUR PROBATION SERVICES

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------